*appell dikjarat inammissibli ai termini tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217 - appell huwa permess biss f'dawk il-każijiet li jirrigwardaw il-kategoriji ta' persuni mfissra taħt l-artikolu 4A tal-Kap. 217*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2023

Appell Inferjuri Numru 12/2023 LM

**Anthony Chukwubike Chukwuma (A12198915)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Aġenzija Identità Malta**
*('l-appellatà')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellant **Anthony Chukwubike Chukwuma (A12198915)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni tat-

23 ta’ Jannar, 2023, [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’] mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa ’l quddiem ‘il-Bord’], li permezz tagħha astjena milli jieħu konjizzjoni tal-appell tiegħu mid-deċiżjoni tal-**Aġenzija Identita’ Malta** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellata’] tat-23 ta’ Frar, 2022 għaliex dan kien null.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-appell odjern huma s-segwenti. L-appellant li huwa ta’ nazzjonalità Niġerjana, wasal hawn Malta fis-sena 2017 fejn baqa’ jgħix sallum. Fl-2018 huwa daħal f’relazzjoni ma’ Consielle Lia u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri Shalom Uchechukwu Chukwuma Lia fit-13 ta’ Awwissu, 2020. Sussegwentement din ir-relazzjoni intemmet, u l-aċċess għal ibnu minuri ġie stabbilit mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja). Fis-6 ta’ Jannar, 2022 l-appellant ippreżenta applikazzjoni mal-appellata għal permess ta’ residenza bħala ġenitur ta’ ċittadin Malti, u dan skont l-Artikolu 20 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [TFUE], iżda dik l-applikazzjoni ġiet miċħuda permezz ta’ *email* fejn ingħad illi *“unless he is legally staying in Malta, his application for a residence permit cannot be considered”.*

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellant appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord fl-24 ta’ Frar, 2022 sabiex id-deċiżjoni tal-appellata li ma tiġix ipproċessata l-applikazzjoni tiegħu għar-residenza tiġi dikjarata li kienet tikkostitwixxi ksur tal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

4. L-appellata wieġbet fis-17 ta' Ġunju, 2022, fejn filwaqt li rrilevat li hija ma kinitx iddeċidiet li l-appellant seta' jirrisjedi hawn Malta għaliex huwa kien ġenitur ta' ċittadin Malti, iddikjarat:

> *"...should the Honourable Board determine that a decision has in fact been issued by Identity Malta Agency, the Agency humbly requests that the Honourable Board confirms that Identity Malta Agency is correct to ensure that all persons submitting a request for a residence permit are legally present in Malta at the time of application, and also to confirm that in light of Chapter 258 of the Laws of Malta persons who are failed asylum seekers are not to be in possession of a residence document."*

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. Il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> ***"****<u>Considerations of this Board</u>*
>
> *This Board has paid close attention to Article 142 et seq. of the Code of Organisation and Civili Procedure (Chapter 12 of the Laws of Malta), and observes that the law regulates in great detail what an appeal application should contain. It therefore follows logically that an entity such as this Board, which hears and decides appeals, is bound by the appellant's requests. In civil procedure, if an appellant requests a court of appellate jurisdiction to reverse the judgment of the lower court insofar as that court would have accepted or rejected certain claims, the court of appellate jurisdiction cannot go beyond what is requested of it, and instead, affect claims of which the appellant did not complain.*
>
> *Having said this, the Board observed that in his letter dated 24th February 2022, the appellant declared unequivocally that he was filing his appeal under Article 7(1) of Chapter 420 of the Laws of Malta. For good measure, the Board underlines that the appellant's declaration was written on the letterhead of Aditus Foundation, which entity provided him with legal counsel. This means that in so writing, the appellant was duly assisted by legal counsel.*

*Article 7 is contained within Part III of the International Protection Act, which Part is titled "The International Protection Appeals Tribunal". It is quite puzzling how the appellant is expecting this Board to hear and decide an appeal which he himself declared was being filed according to an article of law which deals with a completely different tribunal established by a completely different law.*

*Therefore, if the appellant filed his appeal under Article 7(1) of Chapter 420 of the Laws of Malta, he should not have filed it in the registry of this Board."*

## **L-Appell**

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu quddiem din il-Qorti fit-2 ta' Frar, 2023 fejn qiegħed jitlob sabiex jogħġobha:

*"...tirrevoka s-sentenza tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni u tibgħat l-atti ta' dawn il-proċeduri lura quddiem l-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni sabiex tiddeċidi l-appell tal-Appellant fid-dawl tad-deċiżjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż kontra l-Aġenzija Appellata."*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (a) l-inapplikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 12 għall-każ odjern; (b) il-Bord naqas milli jimxi mal-prinċipji tal-ġustizzja naturali meta ddeċieda l-każ fuq żball tipografiku; (ċ) il-Bord b'hekk kiser il-prinċipji ta' ġustizzja naturali tal-*audi alteram partem* u *nemo judex in causa propria*.

7. L-appellata wieġbet fl-14 ta' Frar, 2023 fejn issottomettiet preliminarjament li l-appell odjern huwa inammissibli *ai termini* tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217, stante li dan jagħti dritt ta' appell fuq punti ta' dritt *"rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima*

*III"* fejn l-appellant mhux wieħed minn dawk il-persuni. Għar-rigward il-mertu, tikkontendi li l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellant.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Ġaladarba l-appellata qiegħda tirrileva n-nullità tal-appell odjern, il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel xejn tinvestiga jekk din għandhiex raġun. L-appellata qiegħda tikkontendi li s-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217 jagħti dritt ta' appell fuq punt ta' dritt biss fejn id-deċiżjoni tal-Bord tolqot persuni ndikati fit-Taqsima III ta' dik il-liġi, u għalhekk l-appellant m'għandu l-ebda dritt li jappella mid-deċiżjoni tal-Bord ladarba mhuwiex wieħed mill-persuni hemm indikati għaliex la huwa ċittadin ta' Stat Membru u lanqas jinsab leġittimament fit-territorju ta' stat li huwa marbut bi Ftehim dwar Fruntiera u huwa saħansitra *rejected asylum seeker* għal diversi drabi.

9. Wara li kkunsidrat id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217, kif ukoll dawk tal-artikolu 4A tal-Parti III, il-Qorti tgħid li l-appellata għandha raġun u l-appell odjern huwa inammissibbli. Tqis li d-dispożizzjonijiet tal-liġi huma ċari, u appell huwa permess biss f'dawk il-każijiet li jirrigwardaw il-kategoriji ta' persuni mfissra taħt l-artikolu 4A imsemmi. Peress li ma jirriżultax li l-appellat jaqa' f'waħda minn dawk il-kategoriji kif tajjeb issostni l-appellata, il-Qorti tgħid li l-appell odjern ma setax isir.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddikjara li l-appell odjern huwa rritu u null, u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern u dawk tal-proċeduri quddiem il-Bord għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**